



Parliamentary Dimension  
of the Estonian Presidency  
of the Council of the  
European Union



## **ABBOZZ TA' AĠENDA**

### **Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall- Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)**

*- Laqgħa kostituttiva -*

**It-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2017, mit-15.30 sas-18.30  
It-Tlieta 10 ta' Ottubru 2017, mid-9.00 san-12.30**

**Il-Parlament Ewropew, Brussell**

Sala: Paul- Henri Spaak (PHS) 3C050

## Sfond

L-Artikolu 88 TFUE, kif introdott mit-Trattat ta' Lisbona, jipprevedi forma unika ta' skrutinju dwar il-funzjonament tal-Europol mill-Parlament Ewropew, flimkien mal-Parlamenti nazzjonali.

Fl-11 ta' Mejju 2016, ġie adottat ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol). Ir-Regolament il-ġdid ta s-setgħa lill-Europol u ta lok għal skrutinju parlamentari konġunt mill-Parlament Ewropew flimkien mal-parlamenti nazzjonali fuqu.

Il-Konferenza tal-Prezidenti tal-Parlamenti tal-UE adottat il-konklużjonijiet fl-24 ta' April 2017 dwar it-twaqqif ta' Grupp ta' Skrutinju Parlamentari Konġunt tal-attivitajiet tal-Europol (JPSG) skont l-Artikolu 51(1) tar-Regolament dwar l-Europol u f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Protokoll 1 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Skont l-Artikolu 51 tar-Regolament dwar l-Europol, il-JPSG se jkollu rwol essenzjali biex "[i]wettaq monitoraġġ politiku tal-attivitajiet tal-Europol fit-twettiq tal-missjoni tagħha, inkluż fir-rigward tal-impatt ta' dawk l-attivitajiet fuq id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi."

Il-Konferenza tal-Prezidenti, fil-laqgħa tagħha tal-24 ta' April 2017 qablet li l-JPSG jiltaqa' darbtejn fis-sena. Fl-ewwel nofs tas-sena, il-JPSG għandu jiltaqa' fil-Parlament tal-pajjiż li jkollu l-presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea filwaqt li, fit-tieni nofs tas-sena, il-JPSG jkollu laqgħa fil-Parlament Ewropew.

F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Konferenza tal-Kelliema, il-laqgħa kostitwenti tal-JPSG, li ssir fil-Parlament Ewropew fid-9 u l-10 ta' Ottubru 2017, għandha l-għan li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu sabiex tippermetti li x-xogħol sħiħ jibda fit-tieni semestru tal-2017.

Il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-JPSG huma stabbiliti fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/794, u jinkludu fost l-oħrajn id-dritt li jitressqu mistoqsijiet lill-President tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol, lid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol jew lid-deputati tagħhom kif ukoll lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, kif ukoll id-dritt li jiġi kkonsultat b'rabta mal-programmazzjoni pluriennali tal-Europol u inkluż id-dritt li jintalbu d-dokumenti rilevanti meħtieġa biex iwettaq il-kompiti tiegħu u li jinkludi d-dritt li jfassal konklużjonijiet sommarji dwar il-monitoraġġ politiku tal-attivitajiet tal-Europol.

## Dokumenti ta' riferiment

[Ir-Regolament \(UE\) 2016/794](#)

[Il-konklużjonijiet tal-Konferenza tal-Kelliema fi Bratislava, 23-24 ta' April 2017](#)

[L-Ittra ta' akkumpanjament għad-Dokument dwar l-Ipprogrammar Multiannwali tal-Europol](#)

[Id-Dokument dwar l-Ipprogrammar Multiannwali tal-Europol](#)

[Dokumenti taċ-ċiklu ta' politika tal-UE \(Empact\)](#)

[Dokumenti taċ-ċiklu ta' politika tal-UE \(Infographic\)](#)

[Abbozz ta' Regoli ta' Proċedura għall-Kumitat Parlamentari Konġunt speċjalizzat \(GSPK\)](#)

**It-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2017, mit-15.00 sas-18.30**

**15.00 - 15.20 - Kummenti tal-ftuħ mill-Ko-Presidenti:**

**Claude MORAES**, President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tal-Parlament Ewropew;

**Raivo AEG**, Kumitat għall-Affarijiet Legali, President tad-delegazzjoni tal-Parlament tal-Estonja għall-JPSG

**15.20 - 16.00 - Diskorsi ewlenin minn:**

**Mairead MCGUINNESS**, Viċi-President tal-Parlament Ewropew (messaġġ bil-vidjo);

**Andres ANVELT**, Ministru tal-Intern tar-Repubblika tal-Estonja;

**Julian KING**, Kummissarju Ewropew għall-Unjoni tas-Sigurtà (messaġġ bil-vidjo);

**16.00 - 17.30 - L-implimentazzjoni tal-Artikolu 51 tar-Regolament dwar l-Europol:**

Rimarki ta' introduzzjoni minn **Agustín DÍAZ DE MERA GARCÍA CONSUEGRA**, Rapporteur tal-PE dwar ir-Regolament dwar l-Europol (Regolament (UE) 2016/794);

Skambju ta' fehmiet ma' **Priit PÄRKNA**, President tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol u ma' **Giovanni BUTTARELLI**, Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data;

**17.30 - 18.30 — Regoli ta' Proċedura tal-JPSG: Preżentazzjoni tal-abbozz mill-Kopresidenti u skambju ta' fehmiet**

**It-Tnejn, 9 ta' Ottubru 2017, mis-19.00 sat-20.00**

***Riċeviment***

**It-Tlieta, 10 ta' Ottubru 2017, mid-9.00 san-12.30**

**9.00 - 10.15 - Iċ-ċiklu ta' politika tal-UE 2014-2017 u 2018-2012:**

Il-prijoritajiet tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: preżentazzjoni minn **Erkki KOORT**, President tal-Kumitat Permanenti għall-Kooperazzjoni Operattiva dwar is-Sigurtà Interna tal-Kunsill Ewropew u minn **Olivier ONIDI**, Vċi Direttur Ġenerali għas-Sigurtà, DG HOME, Kummissjoni Ewropea, u skambju ta' fehmiet;

**10.15 - 11.00 - Il-Programmazzjoni Pluriennali tal-Europol:**

preżentazzjoni minn **Rob WAINWRIGHT**, Direttur Eżekuttiv tal-Europol, u skambju ta' fehmiet;

**11.00 - 12.30 - Ir-Regoli ta' Proċedura tal-JPSG: skambju ta' fehmiet u adozzjoni.**

Laqgħa li jmiss: Il-Bulgarija (id-data għad trid tiġi kkonfermata).